- *KORREZZJONI FL-ATT TAT-TWELID* -

- *DIRETTUR REGISTRU PUBBLIKU* –

- *DEJJEM MAGHRUFA B'TALI ISEM* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 32**
**Citazzjoni Numru: 210/02/RCP**

**Salvina Balzan**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi isem l-attrici fuq ic-certifikat tat-twelid taghha, estratt numru 5174, tas-sena 1948, kif ukoll fuq id-dokumenti l-ohra civili taghha, huwa ndikat bhala Salvina;

Illi minn dejjem pero' l-attrici kienet maghrufa bhala Vivienne;

Illi kemm il-familjari, kif ukoll il-hbieb tal-istess attrici, jafuha bl-isem ta' Vivienne;

Illi anke l-istess attrici tuza' biss l-isem Vivienne;

Illi nonostante dan, fl-atti tat-twelid tidher bhala Salvina u dan kif ukoll fuq il-karta tal-identita' u fuq il-passaport;

Illi tali nkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedwali lill-attrici;

L-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi illi l-attrici m'ghandhiex tibqa' ssoffri din l-inkonvenjenza inutilment;

2. Tordna illi l-konvenut jikkoregi 'l fuq imsemmi certifikat tat-twelid sabiex il-kolonna ntestata "Isem il-wild", tigi kkoreguta u rrangata sabiex tidher "Vivienne" minflok Salvina, u li din il-korrezzjoni konsegwentement tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi ghandu isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi bla pregudizzju, sabiex ikun jista' jigi affetwat bdil f'dokumenti ohra ta' statu civili appartenenti lill-attrici, hija ghandha tindika n-numru relattiv ghal kull att in kwistjoni;

4. Illi l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tallum it-23 ta' Mejju 2002 fejn xehdet l-attrici u d-difensuri tal-partijiet prezenti rimettew ruhhom ghall-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici, numru 5174/1948 *stante* li l-istess attrici qed isostni li dejjem kienet maghrufha bl-isem ta' "Vivienne" u mhux "Salvina" kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Salvina" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Vivienne".

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni,  b'dan illi:-

1. Tiddeciedi illi l-attrici m'ghandhiex tibqa' ssoffri din l-inkonvenjenza inutilment;

2. Tordna iIli l-konvenut jikkoregi 'l fuq imsemmi certifikat tat-twelid sabiex il-kolonna intestata "Isem il-wild", tigi kkoreguta u rrangata sabiex tidher "Vivienne" minflok Salvina, u li din il-korrezzjoni konsegwentement tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita'.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**23 ta' Mejju 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**23 ta' Mejju 2002.**